Nru 8,233 | Il-Ħadd 8 ta' Awwissu 2021 | €1.20

Gazzetta ta' ispirazzjoni Kattolika
maħruġa nhar ta' Ħadd
mill-Azzjoni Kattolika Maltija

# Il-Leħen

**20 sena tal-Fondazzjoni tal-Konkatidral**



Ara paġna 3

**Riflessjoni** 9
Agħtini l-erwieħ u ħudli kollox

**Editorjal** 13
Il-periklu tal-indifferenza

**Opinjoni** 13
L-arti tal-imħabba

**Ħsibijiet** 20
Għaliex immur il-Quddies

## Iċċelebrati l-ħiliet tal-istudenti tat-Teoloġija

Għoxrin student irċevew premjijiet varji f'okkażjoni ċelebrattiva li l-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta organizzat għall-ewwel darba nhar l-Erbgħa, 28 ta' Lulju 2021. Minħabba ċ-ċirkustanzi tal-pandemija, għaċ-ċerimonja, li saret fl-Awla Manja tal-Kampus tal-Università fil-Belt Valletta, kienu mistiedna l-istudenti li rċevew il-premjijiet, l-isponsors tal-okkażjoni, kif ukoll il-kapijiet u xi membri oħra tad-dipartimenti rispettivi fil-Fakultà.




Id-Dekan, Rev. Dott. John Berry fetaħ iċ-ċerimonja b'diskors li fih feraħ lill-istudenti kollha tal-Fakultà tat-Teoloġija, speċjalment lil dawk li kienu se jirċievu xi premju.

Ir-Rev. Dott. Berry elenka wkoll id-diversi ħidmiet u kisbiet tal-Fakultà matul l-aħħar snin, speċjalment fis-servizz lis-soċjetà Maltija, fir-riċerka u l-kollaborazzjoni ma' akkademiċi u istituzzjonijiet oħra, u fil-kuntatt mal-alunni u l-ħbieb tal-istess Fakultà. Id-Dekan semma wkoll li l-Fakultà tat-Teoloġija toffri korsijiet (PhD, Master, Baċellerati, Diploma jew Ċertifikati) f'numru ta' oqsma differenti, bħall-Bijoetika, l-Etika tal-*Business*, il-Ħarsien tal-Minuri, l-Ispiritwalità, il-Ministeru Pastorali maż-Żgħażagħ, l-Istudji Reliġjużi, l-Apprezzament tal-Patrimonju Ekkleżjastiku, id-Dritt Matrimonjali Kanoniku, u t-Tmexxija tal-Iskejjel tal-Knisja.

**It-teoloġija l-Eqdem fakultà fl-università**

Ir-Rettur tal-Università l-Professur Alfred Vella enfasizza l-post importanti li l-Fakultà tat-Teoloġija, bħala l-eqdem Fakultà fl-Università ta' Malta, għandha fuq il-Kampus u fi ħdan is-soċjetà

ikompli f'paġna 2

# Il-ħiliet tal-istudenti tat-Teoloġija

ikompli minn paġna 1

inġenerali. Il-Professur Vella tenna l-kliem tad-Dekan u osserva li l-Fakultà tat-Teoloġija għandha l-potenzjal kbir li tgħaqqad ir-rigorożità u r-riċerka xjentifika mal-arti u mal-mistoqsijiet l-aktar fundamentali għall-ħajja tal-bniedem. Huwa fahhar din l-inizjativa magħrufa bħala '*Dean of Theology Awards Ceremony*' kif ukoll l-impenn akkademiku tagħha favur l-istudenti u s-soċjetà b'mod wiesa'.

Fid-diskors tagħha, il-Ministru tal-Edukazzjoni, l-Onorevoli Dr Justyne Caruana fakkret b'affezzjoni s-snin tagħha li studjat fil-Fakultà tat-Teoloġija waqt li kienet qed tistudja l-Liġi. Hi saħqet li meta t-Teoloġija tiġi studjata jew ppreżentata b'mod serju, din twassal biex jiġi żviluppat id-djalogu bejn gruppi differenti, biex jinbnew komunitajiet b'saħħithom u biex tiġi mħarsa l-libertà fis-soċjetà.

Il-Ministru Caruana kompliet billi ħeġġet lill-istudenti li rċevew il-premijiet biex inisslu sens ta' umanità, jiżguraw li l-aspett ħolistiku ta' kull persuna ikun imħares, kif ukoll li jservi ta' bennej tal-pontijiet bejn id-diversi kulturi fis-soċjetà Maltija llum. Hija ħeġġithom sabiex isarrfu t-trobbija u l-edukazzjoni f'suċċess ikbar għall-futur tagħhom stess u ta' pajjizna.

**Tliet tipi ta' premjijiet**

Matul iċ-ċerimonja, ġew ippreżentati tliet tipi ta' premjijiet: lil dawk l-istudenti li eċċellaw b'marki impressjonanti; lil dawk l-istudenti li ġabu l-ogħla marka fit-teżi tagħhom; u lil dawk l-istudenti li taw kontribuzzjoni lis-soċjetà permezz tar-riċerka tagħhom. Din is-sena ngħata wkoll premju speċjali fit-Teoloġija applikata b'rikonixximent għall-ħidma fil-qasam ċiviku u għall-promozzjoni tad-dinjità umana. Dan il-premju ngħata lil Dun Martin Micallef għall-ħidma tiegħu mal-persuni b'diżabbiltà, speċjalment fid-Dar tal-Providenza. Meta kien student fil-Fakultà tat-Teoloġija, Dun Martin kien kiteb it-teżi tal-Liċenzjat fit-Teoloġija fuq l-għajxien tas-sesswalità mill-persuni b'diżabbiltà.

Lejn l-aħħar taċ-ċerimonja, id-Dekan irringrazzja lill-istaff kollu tal-Fakultà, speċjalment lill-Istaff Amministrattiv immexxi mis-sinjura Annabelle Camilleri, li flimkien miegħu u l-Viċi Dekan Rev. Dott. Stefan Attard, kien responsabbli mill-koordinament u l-organizzazzjoni taċ-ċerimonja. Irringrazzja wkoll lill-isponsors tal-okkażjoni, fosthom *CareMalta, Caritas Malta, SportMalta, AcrossMalta, Outlook Coop*, Librerija Preca, l-Arċidjoċesi ta' Malta, il-Perit Richard England, is-Segretarjat għall-Edukazzjoni Kattolika u s-Soċjetà Entomoloġika ta' Malta. L-istudenti li rċevew premjijiet din is-sena huma:

**Premjijiet lil dawk li ġew l-ewwel fil-klassi rispettiva tagħhom:**

Marie Diane Mulè Stagno (Master tal-Arti fil-Bijoetika)

Karl Saliba (Master tal-Arti fl-Ispiritwalità)

Angele Vella (Master tal-Arti fit-Teoloġija)

Jesmond Schembri (Master fit-Teoloġija)

Bernard Micallef (Liċenzjat fis-Sagra Teoloġija)

Shawn Dominic Wong Tian Ci (Baċellerat tal-Arti fit-Teoloġija u l-Filosofija)

**Premjijiet lil dawk li ġabu l-ogħla marka fit-teżi tagħhom:**

Rebecca Jane Bonello, Angele Buhagiar, Lorna Darmanin, Luke Galea, Gabriel Joshua Ellul, Ann Marie Meilak, Bernard Micallef, Marie Diane Mulè Stagno, Karl Saliba, Jesmond Schembri, Josette Sciberras, Mark Spiteri u Maria Xuereb

**Premjijiet lil dawk li taw kontribuzzjoni lis-soċjetà permezz tar-riċerka tagħhom**

**Premju speċjali għal riċerka favur ir-responsabbiltà soċjali, ġentilment offrut minn** *CareMalta*: **Gabriel Joshua Ellul (Master tal-Arti fil-Bijoetika).**

Premju speċjali għal riċerka favur il-kura pastorali u l-inklużjoni soċjali, ġentilment offrut minn Caritas Malta: Mark Spiteri (Liċenzjat fis-Sagra Teoloġija)

Premju speċjali għal riċerka favur il-promozzjoni tal-valuri fl-isport, ġentilment offrut minn SportMalta: Bernard Micallef (Liċenzjat fis-Sagra Teoloġija)

Premju speċjali għal riċerka favur il-ministeru pastorali tal-lajċi, ġentilment offrut mis-Segretarjat għal-Lajċi lil John Baptist Sultana (Master tal-Arti fit-Teoloġija)

Premju speċjali għal riċerka favur l-integrazzjoni tal-bniedem permezz tal-edukazzjoni, ġentilment offrut mis-Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija: Stephanie Borg (Master tal-Arti fl-Istudji Reliġjużi)

Premju speċjali għal tħaddim tajjeb tat-Teoloġija, **ġentilment offrut minn** Librerija Preca: Malcolm John Saliba (Baċellerat tal-Arti bl-Unuri fit-Teoloġija bil-Filosofija).

Premju speċjali għal riċerka favur ir-riflessjoni teoloġika, **ġentilment offrut minn** Across Malta: Andrew Farrugia (Baċellerat tal-Arti bl-Unuri fit-Teoloġija)

Premju speċjali għal Teoloġija Applikata, b'rikonixximent għall-ħidma fil-qasam ċiviku u għall-promozzjoni tad-dinjità umana: Dun Martin Micallef, Direttur tad-Dar tal-Provvidenza.